MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 9/2008/1

**Francis Vella**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ghal rimedju kostituzzjonali pprezentat minn Francis Vella fit-22 ta' Jannar 2008, li jaqra hekk:
"1. Dan ir-rikors huwa ghal rimedji kostituzzjonali, inkluza dikjarazzjoni ta' inkompatitibilita` ta' ligi mal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

“2. Fatti fil-qosor. L-esponenti kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati u akkuzat b’diversi serqiet u ricettazzjoni, ta’ oggetti li kienu gew sekwestrati mill-pulizija mid-dar tieghu. L-allegati reati kienu saru fis-snin 70 u l-bidu tas-snin 80. Huwa minn ckunitu kien kollezzjonista ta’ bolli, muniti, u antikitajiet u kien jinnegozja fihom. B’sentenza tal-Qortii tal-Appell Kriminali tat-30 ta’ Ottubru, 2001, huwa gie liberat minn kull akkuza ta’ serq u ricettazzjoni hlief ghal oggetti misjuba ghandu mill-Knisja Parrokkjali ta’ Bormla, u dawk mill-fond Aedis Danielis u l-Kappella tal-Bon Kunsill iz-Zejtun. Illi sussegwentment inbdew minn terzi kawzi civili, uhud minnhom anke b’sentenzi finali, u ohrajn li ghadhom pendenti, kontra l-espoonenti biex jittiehdu l-oggetti li hemm esebiti kif ukoll ghad-danni, u dan fuq dawk il-partijiet tal-akkuzi fejn hu gie definittivament liberat mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

“3. Wara t-30 ta’ Ottubru, 2001, il-Qorti tal-Appell (Civili Superjuri) iddikkjaratu hati ta’ serq u/jew ricettazzjoni b’diversi sentenzi. Fis-sentenza tad-9 ta’ Novembru, 2004, Baronissa Maria Testaferrata Bonici et. v. Francis Vella, barra li konsistentement mas-sentenza tal-appell kriminali kkundannatu li jirrestitwixxi l-oggetti misjuba ghandu li jirrizultaw li nsterqu mid-dar Aedis Danielis iz-Zejtun, fil-fatt marret oltre u zammitu responsabbli ghal oggetti ohra, bhal ma huma ingotti ta’ metall prezzjuz. Illi fis-16 ta’ April, 2003 il-Qorti tal-Appell fil-kawza Ian Ellis et. v. Francis Vella, bl-istess mod sabitu hati ta’ serq u ricettazzjoni u ddikkjaratu tali u ghamlet ordnijiet konsegwenzjali, meta huwa kien liberat fuq l-oggetti mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Illi wkoll fis-16 ta’ April, 2004 fil-kawza Maurice Meli Bugeja et. v. Francis Vella sewgiet l-istess procedura u kundanna fuq oggetti li minnhom kien gie liberat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Illi quddiem il-Prim Awla hemm pendenti wkoll kawza simili fl-ismijiet Maurice Meli Bugeja et. v. Francis Vella (Cit. 1041/2006 RCP).

"4. Minn dan il-kwadru tal-fatti johorgu dawn il-vjoazzjonijiet kemm tal-Kostituzzjoni u kemm tal-Konvenzjoni Ewropea.

"Il-bazi tad-decizjonijiet kienet li l-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali jghid li '*L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra*'. Imma dan l-artikolu in concreto jista' jivvola diversi principji kostituzzjoni u konvenzjonali, fejn il-konvenut f'kawza civili jkun instab mhux hati ta' xi reat jew xi parti minn reat jew dwar l-estenzjoni tar-reat kommess. Fil-kaz in ezami, l-esponenti ma nstab hati tal-ebda serq, u hati biss ta' dawk l-oggetti biss imsemmija fis-sentenza tal-Appell Kriminali. Bizzejjed li wiehed jaqra s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Civili. L-esponenti jista' jirrispondi civilment biss ghal dak li nstab hati kriminalment. Altrimenti jkun qed jigi gudikat kriminalment minn Tribunal li mhux imwaqqaf b'ligi biex jiddeciedi kwestjoni kriminali, anke jekk dik tkun dikjarazzjoni preordinata ghal kundanni ta' natura civili.

"5. Illi dikjarazzjoni ta' htija skond l-Art 39 tal-Kostituzzjoni tista' tinghata biss minn Qorti ta' gurisdizzjoni Kriminali, imwaqqfa b'ligi. Il-Qorti tal-Appell (Civili Superjuri) bl-ebda mod ma hija wahda minn dawk il-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali.

"6. Illi skond il-Konvenzjoni Ewropea fl-Artikolu 6 taghha ma taghtix fakolta` li jkun hemm dikjarazzjoni ta' htija ta' natura kriminali oltre dak li jkun hemm f'sentenza moghtija minn tribunali imparzjali u indipendenti mwaqqaf b'ligi, u f'materja ta' natura kriminali ma jistax jinghataw provvedimenti ulterjuri fejn persuna tkun giet liberata minn reat jew xi parti ta' reat, daqslikieku s-sentenza penali tista' tigi estiza. L-esponenti ma jilmentax li huwa kellu jwiegeb civilment ghall-effetti tas-sentenza penali. Imma per ezempju fis-sentenza tal-Baronissa Maria Testaferrata Bonici fil-Qorti tal-Appell Civili hu gie ritenut responsabbli ta' danni fuq oggetti ohra li l-Qorti tal-Appell Kriminali illiberatu minnhom.

"7. Illi d-dikjarazzjonijiet ta' htija jew responsabbilita` ta' serq u/jew ricettazzjoni kontenuti fis-sentenzi fuq

imsemmija jikkostitwixxi dikjarazzjonijiet ta' htija minn Qorti fuq materji li minnhom kien gie liberat. L-Artikolu 4 tal-Protokol Numru 7 jivvjeta ne bis in idem, li jitkellimx biss fuq kundanni penali u piena imma wkoll fuq dikjarazzjoni ta' htija meta persuna tkun giet processata u misjuba hatja jew mhux hatja. Huwa l-process ripetut li hu vjetat. U dan gara fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell hawn fuq imsemmija.

"Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ohra mehtiega u moghtii kull provvediment opportun joghgobha

"(1) tiddikjara li l-Artiklu 6 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jivvjola l-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni, u l-Artiklu 4 tal-Protokoll numru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, in kwantu jaghti fakolta` li persuna misjuba mhux hatja penalment tigi dikjarata hatja fi process civili.

"(2) tiddikjara li s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Superjuri Civili) tad-9 ta' Novembru, 2004, Baronissa Maria Testaferrata Bonici et v. Francis Vella; u tas-16 ta' April, 2003 il-Qorti tal-Appell fil-kawza Ian Ellis et v. Francis Vella, u l-ohra tas-16 ta' April, 2004 fil-kawza Maurice Meli Bugeja et v. Francis Vella jivvjolaw l-Art 39 tal-Kostituzzjoni, u l-Artikli 6(3) u l-Artiklu 4 tal-Protokoll numru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, in kwantu jaghti fakolta` li persuna misjuba mhux hatja penalment tigi dikjarata hatja fi process civili.

"(3) tiddikjara li dawn il-vjolazzjonijiet lamentati fit-tieni talba se jkunu japplikaw ukoll ghall-kawza pendenti fl-ismijiet Maurice Meli Bugeja et v. Francis Vella (Cit 1041/2006 RCP).

"(4) taghti kull rimedju opportun, inkluz it-thassir tal-effetti tal-istess sentenzi in kwantu jmorru oltre l-effetti tas-sentenza penali.

"(5) Taghti kull rimedju anke pendente lite halli tissalvagwardja d-drittijiet tal-esponenti."

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha eccepixxa illi:
"Illi l-artikolu 6 tal-Kodici Kriminali ta' Malta ma jaghti lok ghal ebda ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja, u lanqas tar-4 artikolu tas-7 Protokol, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

"**<u>Artikolu 39 u 6(3)</u>**

"Huwa principju legali mhux biss nostran izda anki ta' sistemi legali esteri illi l-istess att jista' jaghti lok ghal azzjoni kriminali u azzjoni civili fl-istess hin, pero` prosegwiti fi Qrati differenti u b'modi indipendenti minn xulxin. Galadarba kemm l-azzjoni kriminali kif ukoll l-azzjoni civili ikunu jirrispettaw il-principji stabbiliti fl-artikoli 39 u 6 ghar-rigward ta' 'fair trial', allura ma jista' jkun hemm ebda ilment validu, u anzi ma jaghmilx sens, li jinghad li, mehudin it-tnejn flimkien, dawn il-proceduri jiksru l-istess artikoli fuq imsemmija.

"Huwa car li kawzi ghad-danni ma joholqu ebda diffikulta` rigward liema artikolu tal-Konvenzjoni japplika ghalihom. Jirrizulta li mill-kazistika li, kif jindikaw Harris et al[1], fil-parti fejn jiddiskutu '<u>When are civiil rights and obligations being determined</u>', josservaw li "Article 6 applies not only to the proceedings in which liability is determined but also to any separate court proceedings in which the amount of damages is asssessed."

"Illi m'hemmx dubju fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li l-artikolu 6(3) japplika biss fil-kaz ta' kazijiet ta' natura kriminali. Billi ma jidhirx li fil-proceduri kriminali li ghadda minnhom ir-rikorrent l-artikolu 6(3) gie b'xi mod lez, allura ma jistax issa jirreklama ksur tal-istess artikolu fil-konfront ta' proceduri civili u jattakka ligi li proprju tifred il-kamp kriminali mill-kamp civili billi jipprova jimpunjaha a bazi ta' fatti li ma jaqghux taht l-artikolu (6(3)) li huwa ghazel bhala strument ta' impunjazzjoni. Fi kliem iehor, il-proceduri civili li jilmenta minnhom ir-rikorrent, kif ukoll l-

[1] D.J.Harris, M.O'Boyle & C. Warbrick-Law of the European Convention and Huma Rights (1995).

artikolu 6 tal-Kodici Kriminali li jippermettihom, jaqghu 'l hinn mill-portata tal-artikolu 6(3), dment li ma tigix emendata il-Konvenzjoni!

"Dwar l-artikolu 39 l-esponent jirrileva li, bhal fil-kaz tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja, m'hemmx xejn fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li jikkozza mal-artikolu 6 tal-Kodici Kriminali.

"**<u>Dwar il-fatti tal-kaz prezenti</u>**

"Illi huwa principju iehor stabbilit illi ghalkemm f'kawza kriminali l-provi mressqa iridu jkunu tali li jinkulpaw lill-imputat 'minghajr ebda dubju ragjonevoli', f'kawza civili il-provi mehtiega sabiex tintlaqa' talba attrici huma biss 'on a balance of probabilities'.

"Ghalhekk, ghalkemm ir-rikorrent seta' gie liberat mill-Qorti Kriminali ghar-rigward tal-akkuza ta' serq, dan ma jfissirx li Qorti civili ma setghetx tikkonkludi li l-oggietti li nstabu fil-pussess tieghu kienu ta' haddiehor.

"Illi hija wahda mill-funzjonijiet tal-Qrati Civili li jistabbilixxu u jillikwidaw l-ammont ta' dannii sofferti. Hekk sar ukoll fil-kaz ***Testaferrata Bonici v. Vella***. It-talbiet attrici kienu fis-sens li l-Qorti ghandha tiddetermina liema oggetti elenkati fid-Dok A huma proprjeta` tal-atturi; 2. li ghandha tikkundanna il-konvenut illi jirrestitwixxi lill-atturi l-oggetti li jigu determinati minn dik il-Qorti li huma proprjeta` tal-atturi u li gew elevati minn ghandu mill-Pulizija; 3. li l-konvenut ghandu jigi dikjarat responsabbli ghad-danni li sofrew l-atturi minhabba s-serq jew ricettazzjoni tal-oggetti fuq imsemmija; 4. li ghandhom jigu likwidati l-istess danni jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominati minn dik il-Qorti;

"Ghalkemm l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat li l-konvenut hu responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi meta laqa' ghandu *in mala fede* oggetti misruqin minghand l-atturi, dan ma jfissirx li b'daqshekk sabitu hati kriminalment. L-istess jghodd ghas-sentenza tal-appell li kkonfermat dik tal-ewwel istanza. Dan li qed jinghad

jghodd ukoll fil-kaz tas-sentenzi l-ohrajn kollha msemmija fir-rikors promotur. Is-sejba ta' responsabbilta` ghad-danni da parti tar-rikorrent ma tammonta bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ghal dikjarazzjoni ta' htija kriminali. Kien ikun hekk il-kaz kieku per ezempju il-Qorti Kriminali ikkundannat lir-rikorrent a bazi tad-dikjarazzjoni ta' responsabbilta` ghad-danni effettwata mill-Qorti Civili. Min-naha l-ohra ebda wahda mis-sentenzi civili lamentati ma wahhlet lir-rikorrent imqar hames liri multa jew gurnata habs.

"Illi wiehed ma jridx jinsa' li l-Qorti Kriminali min-naha l-ohra kellha l-poter tillibera lir-rikorrent mill-akkuzi mressqa kontrih izda mhux minn kwalunkwe talba li setghet titressaq kontrih f'Qorti ohra. Kieku dan ma jkunx il-kaz, kieku <u>hawnhekk</u> kien ikun hemm <u>verament</u> sitwazzjoni fejn civili u kriminali jithallat flimkien, u jkun proprju f'dak il-kaz li jitqanqal riskju serju ta' konfuzjoni dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

"Illi fl-ahhar nett tant hija ovvja d-distinzjoni bejn il-kamp civili u l-kamp kriminali, u tant jidher car li din giet rispettata anke fil-kaz prezenti, li l-allegazzjoni li qed jaghmel ir-rikorrent dwar il-fatti li sehhew f'dan il-kaz ma hi jibfirtata b'ebda kazistika, la lokali u lanqas Ewropeja. Dan il-fatt wahdu jixhed in-natura bizzarra tal-imsemmija allegazzjoni.

"**<u>L-artikolu 4 tas-7 Protokol</u>**

"Illi ghall-istess ragunijiet suesposti ma jistax fic-cirkostanzi odjerni isehh kaz ta' 'bis in idem'. Kif diga` gie accennat, m'huwiex permess that il-ligi li l-istess fatt jigi gudikat darbtejn f'forum kriminali, izda f'dan il-kaz ma garax hekk. Ghal darb'ohra, l-esponent ikollu jinsisti li b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' wihed ihares lejn il-kawzi civili kontra r-rikorrent bhala li b'xi mod iddikjaraw sejbien ta' tija fil-konfronttar-rikorrent. L-artikolu 4 tal-Protokol 7 jitkellem biss fuq sejbien ta' htija fil-forum kriminali, u ma japplikax ghal dikjarazzjonijiet ta' responsabbilta` ghal danni fil-kamp civili.

“Illi tant ma japplikax is-7 Protokol f’dan il-kaz, u tant l-operat tieghu huwa cirkoskritt anke fil-kamp kriminali nnifsu, li Harris et al josservaw li l-artikolu 4 ma jimpedixxix li persuna tkun “made the subject of proceedings of a different character, e.g. disciplinary proceedings, as well as criminal proceedings within the same jurisdiction”. Ahseb u ara kemm japplika l-artikolu 4 ghal proceduri civili!

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrent.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Settembru, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:
“**Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent** billi ma ssibx li l-artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali jikser il-jeddijiet tar-rikorrent kif imħarsin bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 4 tas-Seba’ Protokoll tal-Konvenzjoni safejn dak l-artikolu jagħti fakulta’ li persuna misjuba mhux ħatja penalment tiġi misjuba ħatja fi proċess ċivili;

“**Tilqa’** għalhekk l-eċċezzjonijiet tal-intimat fil-mertu;

“**Tiċħad it-talbiet l-oħra** tar-rikorrent, billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

“**Tordna** li r-rikorrent iħallas **l-ispejjeż tal-kawża**.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi b’din l-azzjoni r-rikorrent jilminta li nkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq meta, b’kawżi maqtugħa mill-Qrati ta’ kompetenza ċivili, kien kundannat irodd lura lill-atturi ħwejjeġ ta’ preġju misruqa li nstabu fil-pussess tiegħu u jħallas danni lill-istess kontro-parti għal dawk il-ħwejjeġ li ma nstabux, minkejja li żmien qabel kien għadda minn proċessi kriminali dwar l-istess ħwejjeġ fejn hu kien inħeles mill-akkużi mressqa kontrih. Jgħid li, b’dan il-mod, huwa ġarrab preġudizzju ta’ kundanna f’sedi ċivili meta kien meħlus minn tali kundanna f’sedi penali. Jgħid li dan

l-effett seħħ minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali. Irid li l-Qorti ssib li dak l-artikolu jikser id-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq u dak li jipprovdi li l-ebda persuna m'għandha titressaq biex twieġeb darbtejn għall-istess għamil tagħha. Irid ukoll li l-Qorti tħassar is-sentenzi tal-qrati ċivili li ngħataw bi ksur tal-imsemmija jeddijiet. U jrid li din is-sentenza tgħodd ukoll għal dawk il-kawżi li għadhom qegħdin jistemgħu dwar kwestjonijiet relatati quddiem il-qrati ta' kompetenza ċivili;

"Illi l-fatti ewlenin marbutin mal-każ juru li r-rikorrent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mixli b'għadd ta' reati fosthom ta' serq jew riċettazzjoni ta' ħwejjeġ misruqa minn bosta postijiet u fi żminijiet differenti bejn l-1976 u l-1983, frodi u kif ukoll ta' pussess ta' arma u munizzjon mingħajr liċenza u bla ma tħallas id-dazju fuqha. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta' Ottubru, 1992[2], dik il-Qorti ħelsitu mill-akkużi tas-serq, imma sabitu ħati tal-akkużi dwar riċettazzjoni tal-istess ħwejjeġ u wkoll tal-pussess ta' arma mhux liċenzjata u ikkundannatu għal ħames snin priġunerija u ordnat il-konfiska tal-arma;

"Illi r-rikorrent ressaq appell minn dik is-sentenza f'Novembru tal-1992. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Ottubru, 2001[3], l-appell intlaqa' f'parti minnu billi tenniet il-ħtija tiegħu dwar il-pussess ta' arma mingħajr il-liċenza tal-Kummissarju, iżda sabet li, għalkemm kien jaħti ta' riċettazzjoni, din kienet limitata għal dawk il-ħwejjeġ biss li kienu nsterqu minn żewġ imkien partikolari (il-Knisja tal-Kunċizzjoni f'Bormla, u mill-post "*Aedis Danielis*" u l-Kappella tal-Madonna tal-Bon Kunsill fiż-Żejtun), u għalhekk naqqset il-piena ta' priġunerija li kienet tat l-ewwel Qorti u, minħabba ċ-ċirkostanzi msemmija fl-istess sentenza, ordnat li s-sentenza ta' priġunerija hekk imnaqqsa tkun waħda sospiża għall-finijiet tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali;

"Illi sadattant, uħud minn dawk li waqt il-proċeduri kriminali meħudin kontrih kienu għarfu bħala ħwejjiġhom xi wħud

[2] Dok "FV2", f'paġġ. 26 sa 34 tal-proċess
[3] Dok "FV1", f'paġġ. 13 sa 25 tal-proċess

mill-oġġetti misjuba għand ir-rikorrent, fetħu wkoll kawżi ċivili kontrih, u f'każ ieħor kontrih, kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u kontra r-Reġistratur tal-Qrati[4]. Dawk il-kawżi kienu jitolbu, fost l-oħrajn, li l-Qorti ssib li l-ħwejjeġ misjuba għand ir-rikorrent (magħmula minn pitturi, għamara, xogħol ta' deheb u fidda, u antikitajiet oħrajn) u miżmuma mir-Reġistratur tal-Qrati bħala esebiti fil-proċess kriminali mibdi kontrih kienu ħwejjiġhom u tordna biex jingħatawlhom lura. F'kawża oħra minnhom, intalbu wkoll id-danni dwar dawk l-oġġetti li ma kinux aktar jistgħu jintraddu lura. L-imsemmija kawżi nqatgħu kollha, u għad fadal biss waħda li għadha qiegħda tinstema'[5];

"Illi din il-kawża nfetħet f'Jannar tal-2008;

"Illi l-qofol tal-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-ilmenti</u> tar-rikorrent idur madwar l-effett u l-firxa ta' dak li jipprovdi l-artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali. Ir-rikorrent jgħid li ladarba fil-proċeduri kriminali kien inħeles mill-akkuża ta' riċettazzjoni u serq dwar bosta mill-oġġetti li nstabu fid-dar tiegħu, ma kienx sewwa li, taħt l-iskuża ta' proċedimenti ta' xejra ċivili, jinstab ħati mill-ġdid ta' żamma illeċita tal-istess ħwejjeġ. Huwa għalhekk jilminta li minħabba f'hekk ġarrab preġudizzju li jissarraf fi ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsin fl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u artikoli 6(3) u 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni;

"Illi għalkemm ir-rikorrent ma jgħidx liema parti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jinkiser bl-artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali, jidher li qiegħed jaħseb fis-subartikolu 9 tal-artikolu 39. Fis-sewwa jrid jingħad ukoll li, mill-mod kif ressaq l-ewwel talba tiegħu, ir-rikorrent jillimita l-ilment tiegħu dwar l-artikolu 6 safejn persuna li tkun inħelset minn xilja fi proċedura kriminali tkun tista' titressaq mill-ġdid f'qorti fi proċedura ta' natura ċivili u "tinstab ħatja" f'dawk it-tieni proċeduri;

---

[4] Ċitazz. Nru. 991/92DS maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22.6.2001 (u, fil-qofol tagħha, konfermata mill-Qorti tal-Appell Ċivili fid-9.11.2004); Ċitazz. Nru. 730/94AJM maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29.1.2001 u Ċitazz. Nru 480/97AJM maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26.1.2001 (it-tnejn konfermati mill-Qorti tal-Appell Ċivili fis-16.4.2004), Dokti "FV3", "FV4" u "FV5", f'paġġ. 35 sa 75 tal-proċess

[5] Rik. Nru. 1041/06RCP

"Illi huwa fir-raba' premessa tar-rikors promotur li r-rikorrent jfisser xi ftit aktar ċar l-ilment tiegħu meta jgħid: "Imma dan l-artikolu [l-art. 6 tal-Kodiċi Kriminali] *in concreto* jista' jivvjola diversi prinċipji kostituzzjonali jew konvenzjonali, fejn il-konvenut f'kawża ċivili ikun instab mhux ħati ta' xi reat jew xi parti minn reat jew dwar l-estenzjoni tar-reat kommess. Fil-każ in eżami, l-esponenti ma nstab ħati tal-ebda serq, u ħati biss ta' dawk l-oġġetti biss imsemmija fis-sentenza tal-Appell Kriminali. Biżżejjed li wieħed jaqra s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Ċivili. L-esponenti jista' jirrispondi ċivilment biss għal dak li nstab ħati kriminalment. Altrimenti jkun qed jiġi ġudikat kriminalment minn Tribunal li mhux imwaqqaf b'liġi biex jiddeċiedi kwestjoni kriminali, anke jekk din tkun dikjarazzjoni preordinata għal kundanna ta' natura ċivili";

"Illi min-naħa tiegħu, l-intimat ixejjen dawn l-ilmenti billi jgħid li xejn fl-artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali jew fit-tħaddim xieraq tiegħu ma jikser xi jedd fundamentali la taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni. Huwa jżid jgħid, għall-kuntrarju, l-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni jipprovdu għal ċirkostanza fejn l-istess fatt jew għamil inissel kemm azzjoni kriminali u kif ukoll waħda ta' xejra ċivili. Fuq kollox, jgħid li l-proċeduri ċivili meħudin kontra r-rikorrent ma kinux maħsuba li jsibu ħtija fih daqskemm kienu maħsuba li jirrivendikaw il-ġid li nstab fil-pussess tiegħu u li tali ġid jintradd lura lil sidu;

"Illi l-artikolu 6 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li "*L-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra*";

"Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-kwestjoni taħt id-dispożizzjonijiet li fuqhom tressqet il-kawża. Iżda jidhrilha li għandha tgħid minnufih li ma tarax kif jistgħu jgħoddu għall-każ id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni. Dak l-artikolu jitkellem dwar garanziji minimi addizzjonali tal-imputat fi proċeduri kriminali, filwaqt li r-rikorrent qiegħed jilminta minn ksur tal-jeddijiet tiegħu fil-kawżi ta' natura ċivili u minħabba fihom. Huwa ma

jressaq l-ebda lment dwar il-proċeduri kriminali li huwa għadda minnhom. Għall-kuntrarju, huwa jgħid li l-ħsara qiegħed iġarrabha sewwasew għaliex "reġa' nstab ħati" waqt proċeduri ċivili għal xi għamil jew fatt li ma kienx instab ħati għalih tul il-proċeduri kriminali. Għalhekk, fin-nuqqas ukoll ta' sottomissjonijiet min-naħa tal-istess rikorrent, il-Qorti ma tistax issib li ntwera tajjeb biżżejjed li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd imħares taħt l-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni jew kif l-imsemmi artikolu jgħodd għall-każ tiegħu[6];

"Illi dwar l-**aspett Kostituzzjonali tal-prinċipju tan-*ne bis in idem*** jibda biex jingħad li l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun għaddiet minn proċediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inħelset mill-akkuża u sew jekk tkun instabet ħatja) ma tista' terġa' titressaq mixlija fi proċeduri oħrajn dwar dak ir-reat jew xi reat ieħor li għalih setgħet instabet ħatja fl-ewwel proċediment, għajr fuq ordni ta' Qorti ogħla mogħti matul il-kors ta' appell jew proċedura ta' reviżjoni tal-ewwel proċess. L-istess artikolu jrid ukoll li ħadd ma jitressaq mixli dwar reat kriminali li tiegħu dik il-persuna tkun diġa' ngħatat maħfra. Tali prinċipju jsib ix-xbieha tiegħu ukoll fil-Kodiċi Kriminali, fil-każ fejn persuna mixlija tinħeles mill-akkużi mressqin kontriha[7];

"Illi l-imsemmi sub-artikolu (9), jagħmel parti minn dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni li jħares id-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi mogħti lil kull persuna akkużata b'reat;

"Illi huwa wkoll stabilit[8] li l-prinċipju tan-*ne bis in idem* imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat,

[6] Mis-sentenzi tal-QEDB li r-rikorrent ressaq b'sostenn tal-ilment tiegħu, jista' jkun li hu ried jirreferi għall-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni, li jitkellem dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza. Iżda dak l-artikolu ma jistax jintuża minnu f'din il-kawża għaliex huwa m'għadux fi stat li jinsab akkużat b'reat kriminali, filwaqt li l-ilmenti tiegħu huma diretti kontra proċeduri ċivili li wkoll (għajr għal waħda) ntemmu. F'kull każ, fit-talbiet tiegħu għal darbtejn jirreferi għall-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni
[7] Art. 527 tal-Kap 9
[8] Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**)

m'għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel proċess. Dan il-prinċipju jidher li huwa l-verżjoni tad-dritt penali ta' dak il-prinċipju l-ieħor tar-*res judicata* li jikkostitwixxi eċċezzjoni perentorja tal-ġudizzju fil-qasam tal-proċedura ċivili;

"Illi jidher f'dan ir-rigward li għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) jixxiebhu ma' dawk tal-artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni f'dak li huwa l-qofol tal-prinċipju maħsub, bl-ebda mod ma jista' jsir tqabbil tagħhom fuq il-livell ta' applikazzjoni jew tifsir[9]. Għalhekk, meta wieħed iqis il-prinċipju tan-*ne bis in idem* għall-finijiet ta' jeddijiet fondamentali tal-bniedem, wieħed irid iżomm sewwa quddiem għajnejh id-differenza bejn il-livell kostituzzjonali u dak konvenzjonali;

"Illi, kif ingħad, dan is-sub-artikolu fil-Kostituzzjoni jagħti ħarsien usa' lill-persuna mixlija minn dak mogħti mill-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali, sewwasew għaliex jgħolli l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* għal-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali għandha l-jedd tirrikorri għall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali. Iżda dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni huwa mliġġem b'eċċezzjoni (li f'dan il-każ tal-lum m'hijiex rilevanti) li ma tinsabx fid-dispożizzjoni korrispondenti tal-Konvenzjoni;

"Illi, minbarra dan, l-istħarriġ tal-allegazzjoni imqanqla minn parti mixlija b'reat li dik il-proċedura hija ripetizzjoni ta' proċedura bħalha li diġa' kienet ittieħdet kontriha għall-istess reat għandu jsir mill-Qorti li quddiemha titqanqal l-imsemmija eċċezzjoni. Sakemm dan isir u l-fatt li dan isir, huwa meqjus bħala stadju proċedurali li jżomm milli jseħħ ksur tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni[10];

"Illi meta wieħed jitkellem dwar l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* fil-qasam tad-dritt penali taħt l-ordinament ġuridiku

[9] Ara, per eżempju, Kost. **20.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i. 370, a fol 382** *et seq*) għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova
[10] P.A. (Kost) **10.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Kummissraju tat-Taxxi Interni et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.525**)

tagħna, wieħed iqis li jeħtieġ jintwera li l-persuna li tkun tqiegħdet taħt akkuża oħra trid tkun l-istess waħda li kienet tqiegħdet taħt l-ewwel proċedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt. Kif ingħad, "*Bl-espressjoni 'l-istess fatt' wieħed għandu jifhem il-fatt fiżikament rigwardat, konsistenti għalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tiegħu. Mhux biżżejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oġġett; hekk, per eżempju, min f'okkażjoni partikolari jagħmel ħsara volontarja fuq proprjeta' ta' ħaddieħor u f'okkażjoni oħra jerġa' jagħmel l-istess tip ta' ħsara fuq l-istess proprjeta' ma jista' bl-ebda mod jeċepixxi r-res judicata*"[11]. Madankollu, għall-finijiet ta' stħarriġ ta' ksur ta' jedd fundamentali – kif ingħad aktar qabel – tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, filwaqt li l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar "l-istess fatt"[12], l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "(l-istess) reat";

"Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa prinċipju aċċettat li, bi tħaddim tar-regola tan-*ne bis in idem*, "*The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act*"[13];

"Illi din il-Qorti tifhem li jekk kemm-il darba t-tifsira mogħtija lill-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali hija b'mod tali li żżomm milli persuna terġa' titressaq mixlija dwar fatt li dwaru kienet diġa' tressqet taħt proċedura li ntemmet b'sentenza li saret ġudikat, wieħed jistenna li t-tħaddim tar-regola miġjuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni għandu jkun jgħodd iżjed biex iħares dak il-jedd. Fi kliem ieħor, il-garanziji kostituzzjonali ma jistgħux ikunu applikati

---

[11] App. Krim. Inf VDG **19.2.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Vella et*** (mhix pubblikata)

[12] Ara App. Krim Inf. PV **12.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Domenic Abela*** (mhix pubblikata)

[13] App. Krim. Inf. **15.11.1941** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar*** (kif imsemmija fil-ktieb "Recent Criminal Cases Annotated" tal-Prof. W. Harding)

b'xeħħa jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li tagħti l-"liġi ordinarja" kif tinsab fil-Kodiċi Kriminali;

"Illi l-Qorti tqis li l-kawżi ċivili mibdija minn terzi kontra r-rikorrent ma jistgħux jitqiesu bħala t-tennija ta' "proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li setgħet tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat" kif maħsub fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni. Dan jingħad l-aktar għaliex l-għan tal-imsemmija kawżi – kemm dawk maqtugħa u li saru ġudikat u kif ukoll dik li għadha qiegħda tinstema' – m'għandhom l-ebda ħsieb li jsibu lir-rikorrent (konvenut fl-imsemmija kawżi, fi tnejn minnhom saħansitra ma' mħarrkin oħrajn) ħati ta' xi reat li dwaru kien diġa' tressaq mixli quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali. L-għan ta' dawk il-kawżi huwa dak li l-atturi (bħala sidien tal-ħwejjeġ li nstabu fil-pussess tar-rikorrent) jitolbu r-radd tagħhom lura u l-għoti ta' kumpens fejn dak ir-radd lura ma jistax iseħħ. Minbarra dan, kif inhu magħruf, iż-żewġ suriet ta' proċeduri ma jitqabblux f'dak li huwa l-piż u l-grad ta' prova meħtieġa. Il-fatt li r-rikorrent inħeles minn akkuża ta' riċettazzjoni dwar uħud mill-oġġetti li l-atturi (fil-kawżi ċivili) qegħdin jirrivendikaw bħala tagħhom (u li kien jaqa' fuqhom il-piż li jippruvaw li huma tagħhom) ma jġibx b'daqshekk li r-rikorrent jista' jinstab ħati mill-ġdid jew jinstab ħati fejn qabel ma kienx;

"Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-kliem "tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li setgħet tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat" jirreferu biss għal proċedimenti oħrajn quddiem qorti ta' kompetenza kriminali, u mhux għal kull xorta oħra ta' proċediment. Li kieku dan kien il-każ, jista' jiġri li persuna li tkun ġarrbet ħsara jew dannu minħabba għamil li jkun ukoll reat ma jkollha qatt il-possibilita' li tikseb kumpens għal dak l-istess għamil fi proċedura ċivili taħt il-kappa tal-ħtija akwiljana. Il-Qorti ma tifhimx li kienet qatt ir-rieda tal-leġislatur li ċċaħħad lill-parti mġarrba minn rimedju bħal dan, lanqas taħt l-usa' tifsira tal-ħarsien tal-jedd fundamentali ta' min ikun ta lok għal dak id-dannu;

"Illi, għall-kuntrarju, jidher li tali bilanċ jintlaħaq bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali, li

jtenni li ż-żewġ proċedimenti (kriminali u ċivili) jimxu għal rashom, bi tħaddim ta' regoli proċedurali partikolari għal kull waħda minnhom, għalkemm f'xi każijiet[14], bit-tħaddim tal-istess prinċipji maħsuba biex jassikuraw smigħ xieraq. Dan jgħodd ukoll jekk kemm-il darba ż-żewġ proċedimenti jistgħu jwasslu għal sejbien differenti dwar responsabbilta' jew saħansitra riżultati konfliġġenti l-waħda mill-oħra;

"Illi r-rikorrent jisħaq ħafna fuq is-"sejbien ta' ħtija" li seħħ dwaru fil-kawżi ċivili li nqatgħu. Huwa jtenni li, ladarba l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ottubru, 2001, ma kinitx sabitu ħati mqar ta' riċettazzjoni tal-ħwejjeġ misjubin fil-pussess tiegħu (għajr għal dawk li kienu ttieħdu minn żewġ postijiet partikolari[15]) allura ma kienx aktar miftuħ għall-**ebda qorti oħra** li tqis talba mis-sidien ta' dawk il-ħwejjeġ biex ikun dikjarat li huma tassew is-sid tagħhom u li kellhom il-jedd – laraba nstabu – li jiħduhom lura fil-pussess tagħhom jew li jingħataw kumpens xieraq fejn dak ma kienx aktar possibbli (għaliex irriżulta li r-rikorrent kien dewwibhom). Jidher li dak l-argument jinbena fuq tifsira litterali tal-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali li, madankollu, fil-kliem "ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra", ma jgħoddx għal proċeduri ta' xejra ċivili imma biss oħrajn ta' xejra kriminali. Il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument, la fuq bażi ta' tifsir tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u wisq anqas fuq bażi ta' ħaqq;

"Illi għar-rigward tal-**kwestjoni ta' sejbien ta' ħtija minn Qorti li mhix imwaqqfa biex tiddeċiedi kwestjoni kriminali**, r-rikorrent iqajjem punt marbut ma' dak li ssemma aktar 'il fuq. Fil-ħames premessa tar-rikors tiegħu, r-rikorrent jgħid li l-Qorti tal-Appell Ċivili (li ikkonfermat is-sentenzi li bihom l-istess rikorrent instab responsabbli biex irodd lura lill-atturi l-ħwejjeġ li kienu nsterqulhom) ma setgħetx twettaq funzjoni li bil-Kostituzzjoni hija mħollija biss fil-kompetenza ta' Qorti Kriminali. Huwa għalhekk jilminta fis-sens li dak li ma nstabx ħati tiegħu fil-Qorti ta' kompetenza kriminali, spiċċa

[14] Per eżempju, dawk maħsuba fl-artikolu 645 tal-Kap 9

[15] F'dan ir-rigward tajjeb li jingħad li waħda mill-kawżi – Ċitazz. Nru. 991/92DS – kienet tirreferi wkoll għal ġid li dwaru r-rikorrent kien instab ħati ta' riċettazzjoni

nstab ħati tiegħu quddiem qorti ta’ kompetenza ċivili. Qari xieraq tas-sentenzi maqtugħa mill-Qorti tal-Appell Ċivili u mill-Qrati tal-Ewwel Istanza juri li l-ebda waħda minnhom ma sabet lir-rikorrent ħati ta’ xi reat, imma qiesu biss li l-provi mressqa mill-atturi dwar it-titolu tagħhom għall-ħwejjeġ misjuba għandu kienu aqwa mir-raġunijiet li huwa kien ta biex jgħid kif dawk il-ħwejjeġ spiċċaw f’idejh. Dan sar fil-parametri li wieħed jistenna f’kawżi ta’ din in-natura;

“Illi l-konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti qegħdin isiru b’qies taċ-ċirkostanzi tas-sentenzi li minnhom jilminta r-rikorrent. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma flietx ir-riperkussjonijiet li jistgħu jitnisslu mit-tħaddim tal-artikolu 6 tal-Kap 12 f’każ ipotetiku, imma fir-rejalta’ konkreta ta’ dak li seħħ fil-kawżi li għalihom jirreferi r-rikorrent u li fihom kien il-parti mħarrka;

“Illi fuq dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma seħħlux juri li tassew ġarrab ksur ta’ xi jedd imħares taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

“Illi għal dak li jirrigwarda l**-aspett tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* taħt il-Konvenzjoni** kif applikat taħt il-Konvenzjoni dan jieħu xejra xi ftit differenti minn dak li japplika taħt il-Kostituzzjoni. Il-Qorti diġa’ aċċennat għal dan aktar qabel, u l-istess ħaġa tennew il-Qrati tagħna wkoll f’xi każijiet li kienu jmissu din il-kwestjoni. L-artikolu 4 tas-Seba’ Protokoll, li llum il-ġurnata jagħmel biċċa mil-liġi ta’ Malta[16], jipprovdi li ħadd ma jista’ jiġi pproċessat jew ikkastigat għal darba oħra fi proċediment kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun ġie pproċessat (kemm jekk ikun inħeles kif ukoll jekk ikun instab ħati) skond il-liġi u l-proċedura penali f’dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jagħmel eċċezzjoni fil-każ li, skond il-liġi u l-proċedura penali ta’ xi Stat, każ jista’ jerġa’ jinfetaħ jekk ikun hemm provi ta’ fatti ġodda li jkunu għadhom kif irriżultaw, jew jekk fl-ewwel proċediment ikun seħħ xi “vizzju fondamentali”, li f’kull każ minnhom jista’ jkollhom effett fuq kif jisvolġi l-każ. Ta’ min jgħid li l-imsemmi

[16] Bis-saħħa tal-Att XXI tal-2002, li daħal fis-seħħ fit-12 t’Ottubru, 2002 (A.L. 311/2002)

artikolu ma jippermetti l-ebda deroga minn Stat marbut mill-Konvenzjoni;

"Illi għalkemm ma jissemmiex fir-Rikors, ma jistax jonqos li l-istħarriġ li trid tagħmel din il-Qorti ma jżommx ukoll quddiem għajnejh dak li jipprovdi l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, għaliex wieħed ma jistax iqis kif imiss l-implikazzjonijiet tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll jekk mhux fid-dawl tal-imsemmi artikolu, kif sejjer jitfisser iżjed 'il quddiem f'din is-sentenza. Huma dawn id-dispożizzjonijiet li jitkellmu dwar il-prinċipju tan-*ne bis in idem*, li huwa meqjus bħala element ewlieni biex jiġi assikurat smigħ xieraq lil persuna u li jagħmel parti sħiħa mill-ġabra ta' garanziji li jobbliga lill-Istat li jiggarantixxi lil kull persuna mixlija b'reat li ma jinkisrux il-jeddijiet tagħha mogħtijin taħt dak id-dritt. Iżda wieħed m'għandux iwaħħad il-jedd tan-*ne bis in idem* mal-jedd ta' smigħ xieraq daqslikieku kienu l-istess ħaġa;

"Illi, iżjed minn hekk, dak l-artikolu ma jżommx milli persuna tiġi suġġetta għal iżjed minn proċediment wieħed ta' karattru differenti, bħal fil-każ ta' teħid ta' proċeduri dixxiplinari u proċeduri kriminali kontra l-istess persuna fl-istess ġurisdizzjoni[17]. Iżda meta l-proċedimenti dixxiplinari jkunu ta' għamla u gravita' tali li jattiraw fuqhom l-applikabilita' tal-ħarsien tal-jeddijiet maħsuba taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, allura dan iġib miegħu l-effett li jitqiesu wkoll dawk il-jeddijiet li jimxu id f'id mal-imsemmi artikolu, bħalma huwa l-prinċipju tan-*ne bis in idem* maħsub fl-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll. Jidher li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll jgħoddu biss fejn it-"tieni" proċeduri jkunu wkoll ta' għamla penali;

"Illi dak l-artikolu lanqas ma jżomm milli jittieħdu kontra l-istess persuna proċedimenti ta' għamla kriminali f'ġurisdizzjonijiet differenti dwar l-istess għamil. Fuq kollox, dak l-artikolu japplika biss dwar proċedimenti preċedenti li jkollhom it-timbru ta' ġudikat. Jidher li, għall-finijiet tal-Konvenzjoni, deċiżjoni titqies bħala ġudikat meta tkun irrevokabbli u meta ma jkun għad fadal l-ebda

---

[17] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 569

rimedju ieħor disponibbli għall-partijiet li jista' jibdel dik id-deċiżjoni[18];

"Illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* jimplika tabilfors li tkun teżisti sentenza jew deċiżjoni li tiswa (għalkemm m'hux bilfors tkun waħda li fiha l-akkużat ikun instab ħati) bħala ostaklu għal proċedura dwar l-istess reat warajha;

"Illi huwa stabilit ukoll li l-jedd imħares taħt l-imsemmi artikolu m'huwiex limitat biss għall-ħarsien li persuna ma tinstabx ħatja darbtejn tal-istess reat, imma li l-persuna ma ġġarrabx iżjed minn proċess kriminali wieħed dwar dak ir-reat, u għalhekk, l-artikolu jgħodd ukoll fejn persuna tkun diġa' tressqet fuq proċeduri li jintemmu bla sejbien tal-ħtija tagħha. Dan għaliex dak l-artikolu jiġbor fih tliet garanziji differenti minn xulxin, u jiġifieri li l-ebda persuna m'għandha (i) tkun suġġetta li titressaq, (ii) titressaq jew (iii) tinstab ħatja aktar minn darba tal-istess offiża[19];

"Illi l-Qorti tifhem li r-regola maħsuba fl-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll ma żżommx milli bniedem jitressaq mixli iżjed minn darba dwar xi fatt, jekk dak il-fatt jew dak l-għamil ikun jikkostitwixxi aktar minn reat wieħed. Dak li jipprovdi l-imsemmi artikolu hu li persuna ma tistax titressaq mixlija bl-istess reat li minnu tkun diġa' għaddiet proċeduri – kemm jekk taħthom instabet ħatja u kemm jekk kienet inħelset – li jkunu ntemmu b'sentenza li saret ġudikat. Għalhekk, il-fatt waħdu li, f'xi ċirkostanzi, jista' jkun hemm id-duplikazzjoni ta' proċedimenti – l-aspett tal-"*bis*" – m'għandux ikun il-kejl waħdieni li bih jitqies jekk ikunx hemm tassew ksur tar-regola maħsuba f'dawk l-artikoli;

"Illi l-kwestjoni li tibqa' hi dwar jekk dak il-"*bis*" huwiex dwar l-istess reat, jiġifieri l-element tal-"*idem*". L-istħarriġ ta' x'jikkostitwixxi l-"istess" reat minn dejjem kien wieħed li ħalaq kontroversja dwar il-kriterju li jmissu japplika. Huwa magħruf li lanqas il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma segwiet dejjem l-istess kriterju. Kemm hu hekk, jidher li xi drabi mxiet bil-kejl tal-"istess għamil"[20],

---

[18] Ara t-tifsira mogħtija fit-Tielet Skeda mehmuża mal-Att XIV tal-1987 li hija silta mir-Rapport Spjegattiv għas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, par. 22
[19] QEDB **20.7.2004** fil-każ ***Nikitin vs Russja*** (Applik. Nru. 50178/99) § 36
[20] Eż. QEDB **23.10.1995** fil-każ ***Gradinger vs Awstrija*** (Applik. Nru.15963/90) § 55

filwaqt li, f'xi każijiet oħrajn, tqabbel mal-kunċett tal-konkors idejali fejn l-istess għamil jista' jnissel azzjonijiet differenti[21]. Kien hemm każi fejn dik il-Qorti żammet mal-kejl tal-"elementi essenzjali" tar-rejati milquta mill-proċeduri ripetuti[22]. Dawn il-kriterji differenti ma kinux qegħdin jgħinu wisq biex tinstab dik iċ-ċertezza tad-dritt meħtieġa għat-tifsir ta' dan il-jedd fundamentali, u dan kien iġib ħsara akbar meta wieħed iqis li dak il-prinċipju kien jitħaddem fi proċeduri ta' xejra kriminali, bħalma din il-Qorti issa għandha quddiemha;

"Illi, madankollu, jidher li, f'dawn l-aħħar żminijiet, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fasslet kriterju maħsub biex jagħti "tifsira armonizzata" tal-kunċett tal-"istess reat". B'deċiżjoni meħuda mill-Grand Chamber, dik il-Qorti qalet li hija "*takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges levelled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused*[23]*. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal. The*

---

[21] Eż. QEDB **30.7.1998** fil-każ ***Oliveira vs Svizzera*** (Applik. Nru. 25711/94) §§ 25 – 9

[22] Eż. QEDB **29.5.2001** fil-każ ***Franz Fischer vs Awstrija*** (Applik. Nru. 37950/97) § 25

[23] F'dan ir-rigward, ara App. Krim. Inf **28.5.1993** fil-kawża ***Il-Pulizija vs Said*** (Kollez. Vol: **LXXVII.v.414**)

*Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings*"[24];

"Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent jistrieħ bl-għama fuq tliet sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li huwa jgħid li joqogħdu eżatt għall-każ tiegħu. Min-naħa tiegħu, l-intimat jgħid li dawk is-sentenzi ma jgħoddu xejn għall-każ.

"Illi l-każ ta' ***Sekanina vs Awstrija***[25] kien każ fejn persuna li nħelset minn akkużi ta' omiċidju u theddid ta' xhud talbet l-għoti ta' kumpens għaż-żamma tagħha taħt detenzjoni għaż-żmien li kien għaddej il-proċediment kriminali. Kienet kwestjoni li qanqlet ksur tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u mhux waħda taħt l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll. Għalhekk, kif sewwa seħaq l-intimat, dak il-każ ma jgħoddx għall-każ tar-rikorrent għaliex il-fehmiet li waslu għalihom il-Qrati Ċivili kienu r-riżultat ta' aċċertament probatorju xieraq li ma ntweriex li kiser xi preżunzjoni ta' innoċenza tal-istess rikorrent, iżda li waslu għalih fuq il-bażi tal-prinċipju *juxta alligata et probata* mistenni minn kull deliberazzjoni ta' Qorti kompetenti;

"Illi fil-każ ta' ***Rushiti vs Awstrija***[26] il-kwestjoni ewlenija wkoll kienet waħda dwar ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Hekk ukoll fil-każ ta' ***Hammern vs Norveġja***[27]. Dawn it-tliet kawżi kienu jirrigwardaw talba għal kumpens magħmula, f'kull każ, mill-persuna li ma kinitx instabet ħatja fi proċeduri kriminali meħudin kontriha. Dawk il-proċeduri nstab li kienu jiksru d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u mhux tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, sewwasew għaliex minkejja l-ħelsien mill-akkuża, l-persuna li talbet il-kumpens kienet reġgħet ġiet implikata – minn Qorti ta'

[24] QEDB (GC) **10.2.2009** fil-każ ***Sergey Zolotukhin vs Russja*** (Applik. Nru. 14939/03) §§ 82 – 4
[25] QEDB **25.8.1993** (Applik. Nru. 13126/87)
[26] QEDB **21.3.2000** (Applik. Nru. 28389/95)
[27] QEDB **11.2.2003** (Applik. Nru. 30287/96)

kompetenza kriminali – bis-suspett ta’ ħtija. Meta wieħed iqabbel il-kawżi ċivili li minnhom jilminta r-rikorrent maċ-ċirkostanzi applikabbli fil-każijiet minnu ċitati, wieħed isib li m’hemmx lok għal tqabbil, u wisq anqas għall-applikazzjoni tar-regoli hemm imsemmija;

“Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti terġa’ tasal fl-istess fehma li waslet għaliha meta kienet qiegħda tqis il-kwestjoni taħt il-lenti tad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni. Ma jidhrilhiex li għandha x’iżżid u għalhekk jirriżultalha li, taħt il-Konvenzjoni wkoll, l-ilment tar-rikorrent ma jirriżultax mistħoqq;”

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrent li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u minflok tilqa’ t-talbiet kollha tar-rikorrenti appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li waslu ghal dawn il-proceduri huma esposti b’mod car fis-sentenza appellata tal-ewwel Qorti, u mhux mehtieg li ssir ripetizzjoni tal-istess. Fil-qosor, ir-rikorrent jissottometti illi la darba, fi proceduri kriminali, huwa kien inheles mill-akkuza ta’ serq u ricettazzjoni dwar bosta mill-oggetti li nstabu fid-dar tieghu, ma jistax, fi proceduri civili, jerga’ jigi “ipprocessat” dwar il-provenjenza ta’ dawk l-istess oggetti, u implicitament jinstab “hati” ta’ zamma illecita tal-istess hwejjeg.

L-ewwel Qorti ma accettatx dan l-argument tar-rikorrent, wara li sabet li, fil-verita` responsabbilita` Civili biex jintraddu lura l-oggetti misjuba f’dar ir-rikorrent, ma timplikax xi forma ta’ htija tar-rikorrent, la li kien hu li

“seraq” dawk l-oggetti, u lanqas li hu rcieva ghandu l-oggetti meta kien jaf li kineu misruqa.

Ir-rikorrent ressaq appell mis-sentenza, pero`, din il-Qorti ma tasalx biex tikkondividi li hsieb tar-rikorrent appellant. Din il-Qorti tara li ma hemm xejn illogiku jew kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-principju li l-process kriminali u dak civili ghandhom jitqiesu separati u distinti minn xulxin, ghax process kriminali jitmexxa, fil-parti l-kbira, mill-istat, ghandu regoli partikolari ghalih u immirat ghall-imposizzjoni ta’ piena f’isem il-kollettivita`. Il-process civili, min-naha l-ohra, jitmexxa mill-individwu fl-interess tieghu biss, u hu immirat mhux ghall-imposizzjoni ta’ piena, izda ghar-restituzzjoni *in integro* tad-drittijiet tieghu. Fil-process kriminali, il-htija trid tirrizulta minghajr l-icken dubju, u l-akkuzat jista’ jibqa’ sieket tul il-process kollu u ma jistax jigi mgieghel jaghti x-xhieda tieghu. Minhabba dawn ir-restrizzjonijiet fil-process kriminali, gieli jigri li akkuzat jinheles minn kull imputazzjoni minhabba nuqqas ta’ provi, pero`, dan m’ghandux icahhad lic-cittadin milqut hazin bl-agir tal-akkuzat li fi procedura differenti, jitlob “just satisfaction” ghall-hsara li garrab. Id-dritt tal-vittma li jersaq lejn il-Qorti u jmexxi hu procedura ghar-rimedju opportun, ma jistax jigi mwarrab a bazi tal-fatt li l-istat, bil-procedura partikolari tieghu, ma rnexxielux issib lill-istess persuna kriminalment hatja. Kull cittadin ghandu dritt ghall-access ghall-Qorti biex jitlob rimedju ghal-lanjanzi tieghu, u ma jistax ikun ta’ ostakolu ghal dan id-dritt process li fih hu ma jistax jiehu parti wisq attiva, u fejn ir-regoli procedurali jaghtu, ftit jew wisq, vantagg lill-parti l-ohra.

Kif jinghad fil-ktieb “Theory and Practice of the Europea Convention on Human Rights” ta’ Van Dijk et (4th Edit, 2006, pagna 979), “*the aim of article 4 of protocol no. 7* (dak invokat mir-rikorrent) *is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Fil-fatt, jinghad li l-principju *ne bis in idem* ma japplikax meta t-tieni kaz “involves a different legal standard”, u l-process civili, li jpoggi liz-zewg partijiet fl-istess pozizzjoni

ghal dik li hija prova, huwa differenti minn dak kriminali. Fil-fatt, kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Dicembru, 2006, fl-atti tar-riferenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**:
"dak li ma jridux id-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni hu li xi hadd, wara li jkun gia` ghadda minn proceduri kriminali u gia` nstab hati jew mehlus, jerga' 'ghal darb'ohra' jghaddi minn proceduri kriminali dwar l-istess reat, u mhux ma jghaddix minn dawk il-proceduri lanqas darba wahda."

Huma proceduri kriminali "ghal darb'ohra" li hu projbit, mhux process differenti.

Fil-kawza fl-atti tar-riferenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Micallef**, deciza wkoll mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar, 2007, dik il-Qorti, wara li rriferiet ghall-kaz **Gradinger v. Austria**, deciza mill-Qorti Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-23 ta' Ottubru, 1995, identifikat dawn l-ilmenti biex jista' jinghad li jedd protett bl-artikolu 4 tas-Seba' Protokol ikun inkiser
"*(i) tehid ta' proceduri* ***jew*** *l-ghoti ta' piena mill-gdid; (ii) fi procediment kriminali; (iii) ghal reat li dwaru tkun diga` nghatat decizjoni finali; (iv) fl-istess gurisdizzjoni; u (v) skond il-ligi u l-procedura ta' dak il-pajjiz. L-ghan ewlieni ta' dan l-artikolu huwa ghalhekk dak li jzomm milli ssir ripetizzjoni fl-istess Stat ta' proceduri kriminali li jkunu ntemmu qabel b'decizjoni finali.*"

F'dan il-kaz, il-process il-gdid mhux wiehed kriminali, u kull decizjoni li tinghata wara process civili ma jistax jaffettwa il-htija jew innocenza tal-persuna. Min jinstab mhux hati ta' reat jew kontrovenzjoni, ma jfissirx li ma setax agixxa b'mod irrisponsabbli li ghalih ikun tenut jirrientegra lill-vitma fl-i*status quo ante*. Xorta wahda jibqa' "innocenti" kriminalment, izda daqs tant iehor jibqa' responsabbli ghall-konsegwenzi tal-agir tieghu. Ir-responsabbilita` civili hija "fault based" u mhux bazata fuq sejbien ta' htija minghajr dubju ragjonevoli.

Il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea jipprojbixxu proceduri kriminali darbtejn fuq l-istess fatt, u

dan hu projbit anke jekk, fit-tieni process tinbidel in-*nomen iuris* tal-akkuza, pero`, ma zzommx milli persuna dikjarat innocenti jigi mfittex ghall-kumpens ghall-hsara li wettaq. Il-principji li johorgu mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma jwasslux ghal tali projbizzjoni. Hekk, fil-kaz **Gotkan v. France**, deciza fit-2 ta' Lulju, 2002, dik il-Qorti sabet li ma kienx hemm vjolazzjoni tad-drittijiet tal-akkuzat li ghall-istess fatt (traffikar tad-droga), instab hati u intbaghat il-habs talli agixxa bi ksur tal-kodici kriminali, u nstab hati wkoll u nghata ordni ta' hlas ta' multa, konvertibbli f'habs f'kaz ta' nuqqas ta' hlas, talli kiser il-ligijiet tad-dwana. Dik il-Qorti irriferiet ghall-kaz precedenti taghha **Oliveira v. Swizerland**, deciza fit-30 ta' Lulju 1998, fejn intqal li ma hemm xejn hazin li persuna tigi processata ghal zewg reati naxxenti mill-istess att kriminuz. Gie osservat li:
"*There is nothing in that situation which infringes Article 4 of Protocol No. 7 since that provision prohibits people being tried twice for the same offence whereas in cases concerning a single act constituting various offences (concours ideal d'infracitons) one criminal act constitutes two separate offences.*"

Aktar u aktar ma jistax jinghad li hemm ksur meta mill-istess agir jitnisslu kemm reat kriminali kif ukoll responsabbilita` civili, li jistghu jitqiesu b'analogija, ghal "two separate offences".

F'dan il-kaz, hemm kwistjoni ohra li timilita kontra t-tezi tar-rikorrent. Fil-proceduri kriminali hu nstab mhux hati ta' serq u ricettazzjoni (hlief in kwantu l-akkuzi irriferew ghall-oggetti li kienu nsterqu minn zewg postijiet partikolari), pero`, dan ma jfissirx li l-oggetti li nstabu fid-dar tar-rikorrenti kienu jappartjenu lilu. Il-kawzi civili li fethu l-proprjetarji tad-diversi oggetti misjuba kienu kawzi ta' rivendikazzjoni ta' proprjeta` li titmexxa kontra l-attwali possessur, azzjoni li tipprexxindi mill-mala fede o meno tal-istess possessur (hlief sa fejn pussess in bona fede jista' jaghti titolu skond il-ligi). Meta l-Qorti, fid-diversi sentenzi li tat fil-kuntest tal-oggetti misjuba, sabet favur l-atturi f'kull kaz, hija ghamlet dan wara li qieset li l-atturi irnexxielhom juru li ll-oggetti kienu taghhom, u wara li

osservat li l-konvenut (rikorrent odjern) ma rnexxielux igib prova li l-oggetti reklamati mill-atturi kienu tieghu. Il-kawzi civili kienu biss ezercizzju ta' stharrig dwar min ghandu titolu ta' proprjeta` fuq l-oggetti misjuba, u xejn izjed. Zgur li l-affermazzjoni tar-rikorrent li "jista' jirrispondi civilment biss ghal dak li nstab hati kriminalment," ma tregix, ghax jekk bhala fatt l-oggetti li kienu fil-pussess tieghu ma humiex tieghu, irid iroddhom lil sidhom, indipendentement minn kif l-oggetti gew f'idejh.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrent, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrent appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------